L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija

**DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2022**

Applikazzjonijiet Oħra għal Każijiet serji

F'Novembru 2021 ġew mħabra r-regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2022-2023 u ntlaqgħu l-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju, ta' tfal mid-djar tal-Knisja, tal-impjegati tal-iskejjel tal-Knisja, tal-aħwa u ta' tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità. Fir-Regolamenti tal-Każijiet Serji hemm indikat kemm postijiet qed toffri kull skola għal każijiet serji. Fiċ-ċirkularijiet, ippublikati fuq il-paġna tal-iskejjel tal-knisja f'www.knisja.mt, hemm indikat kemm irċevejna applikazzjonijiet tal-każijiet serji.

Għad baqa' postijiet vakanti għal Każijiet Serji bl-għajnuna ta' L.S. E. għall-ewwel sena primarja subien u bniet, it-tieni sena kindergarten bniet u subien u l-ewwel sena kindergarten subien u bniet.

Il-postijiet vakanti għal Każijiet Serji bl-għajnuna ta' L.S.E. għall-ewwel sena sekondarja subien u bniet u għar-raba' sena primarja bniet intlew bl-applikanti tal-ewwel kriterju. Għal dawn il-livelli jintlaqgħu biss applikazzjoni bir-*Revision of Statement* għat-tneħħija tal-L.S.E. (ara Regolamenti para. 1.3)

Għad baqa' postijiet vakanti għal Każijiet Soċjali fil-livelli kollha ħlief għar-raba' sena primarja bniet.

Għad baqa' postijiet vakanti għal Każijiet tal-ażil fil-livelli kollha.

Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, tiġi ppublikata fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt fil-ġimgħat li ġejjin.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2022**

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 25906306 / 25906309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**